



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Lulju 2024
(OR. en)

12622/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0200(NLE)

UD 154
COEST 477
WTO 98

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 341 final ANNEX
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokomitat Doganali stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva rigward il-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji u r-Regoli tranżitorji tal-orijini

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 341 final ANNEX.

Mehmuż: COM(2024) 341 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2024
COM(2024) 341 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokumitat Doganali stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva rigward il-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji u r-Regoli tranżitorji tal-orijini

ANNESS

[Abbozz] DEĊIŻJONI Nru ... TAS-SOTTOKUMITAT DOGANALI TAL-UE U TAL-GEORGIA

ta' XX XX 2024

dwar

li temenda l-Protokoll I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IS-SOTTOKUMITAT DOGANALI TAL-UE U TAL-GEORGIA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tal-Protokoll I tiegħu rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva ("il-Protokoll I"),

Billi,

- (1) Matul l-ewwel laqgħa teknika dwar ir-Regoli tranżitorji tal-orijini li saret fi Brussell nhar il-5 ta' Frar 2020, il-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni")² qablu li jimplimentaw ir-regoli riveduti tal-Konvenzjoni ("ir-Regoli tranżitorji tal-orijini")³ b'mod parallel mar-regoli tal-Konvenzjoni, fuq bażi bilaterali tranżizzjonali, sakemm tiġi adottata l-Konvenzjoni riveduta.
- (2) Mill-1 ta' Settembru 2021 daħal fis-seħħ network ta' protokolli bilaterali dwar ir-regoli tranżitorji tal-orijini fost il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni, li għamel applikabbli r-Regoli tranżitorji⁴.
- (3) L-oġettiv tar-Regoli tranżitorji tal-orijini huwa li jiġu introdotti regoli aktar laxki sabiex tiġi ffaċilitata l-kwalifika tal-istatus oriġinarju preferenzjali għall-oġġetti. Peress li r-Regoli tranżitorji tal-orijini huma b'mod ġenerali aktar laxki minn dawk tal-Konvenzjoni, l-oġġetti li jissodisfaw dawn tal-aħħar jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala li joriġinaw skont ir-Regoli tranżitorji tal-orijini, bl-eċċezzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli kklassifikati fil-Kapitoli 2, 4 sa 15 u 16 (ħlief għall-prodotti tas-sajd ipproċessati) u l-Kapitoli 17 sa 24 tas-Sistema Armonizzata.

¹ ĠU L 261, 30.8.2014, p.4.

² ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

³ ĠU L 381, 27.10.2021, p. 78–162.

⁴ ĠU C, C/2024/1637, 20.2.2024.

- (4) Ir-Regoli tranżitorji tal-orġini huma applikabbli b'mod parallel mar-regoli tal-orġini tal-Konvenzjoni u b'hekk jgħolqu żewġ żoni distintivi ta' akkumulazzjoni. Għalhekk, biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni u r-Regoli tranżitorji tal-orġini kif previst fl-Artikolu 21(1), il-punt (d) tal-Appendiċi A tal-Protokoll I, jenħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 8 tal-Appendiċi A tal-Protokoll I,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

FL-Artikolu 8 tal-Appendiċi A tal-Protokoll I tal-Ftehim, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Minkejja l-paragrafu 1, il-punt (b), l-akkumulazzjoni prevista fl-Artikolu 7 tista' tiġi applikata għall-oġġetti kklassifikati fil-Kapitoli 1, 3 u 16 (għall-prodotti tas-sajd ipproċessati) u l-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata li jkunu kisbu status oriġinarju bl-applikazzjoni tar-regoli tal-orġini f'konformità mal-Appendiċi I u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji, diment li l-materjali u l-prodotti joriġinaw fil-Partijiet Kontraenti applikanti li għalihom l-akkumulazzjoni hija possibbli.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...

Għas-Sottokumitat Doganali

Il-President

Is-segretarji